## 1. *Qalbi* – Jessica Micallef

(Etienne Micallef, Mark Spiteri Lucas)



Mal-ewwel nifs u bikja tiegħek
Id-dinja ġenna saret miegħek
Taħbit il-qalb, idejk f'idejja
Nixtieq li tibqa' dejjem ħdejja

Kont qribek fl-ewwel passi bil-mod
Qisek dgħajsa fil-ħalel, xejn sod
Bil-kalma erfajtek meta waqajt
Kull demgħa ċkejkna jien ixxuttajt

**Jiena l-għeruq, is-sema inti**
**Ittir inħallik, nagħmel ħilti**
**Kull maltempata negħlbu flimkien**
**Għax ommok nibqa' matul iż-żmien**
**Qalb ta' qalbi id-dinja kollha ntik**
**Dawl ta' ħajti jien hawn biss għalik**
**Inti r-raġuni, it-tama għalfejn ngħix**
**Kull parti minni fik qiegħda tgħix**

Fis-sodda stejjer qabel l-irqad
Niggosta wiċċek jisma' skantat
Id-dinja tiegħi miegħek iddur
Lilek insemmi kull fejn immur

Naf li għad jasal dak il-mument
Titlaq għal riħek biex int tkun kuntent
Tibqa' għalija it-tifel żgħir
Li f'ħakka t'għajn kemm kiber malajr

**Jiena l-għeruq, is-sema inti**
**Ittir inħallik, nagħmel ħilti…**

U meta ħesrem itiru s-snin
Jifdal memorji tassew ħelwin
Tibqa' l-fjamma tnemnem viċin
Iżżommli jdejja sal-aħħar ħin

**Jiena l-għeruq, is-sema inti**
**Ittir inħallik, nagħmel ħilti…**

## 2. *Bħal Aħwa* – Avenue Sky

(Joe Julian Farrugia, Philip Vella)



Bejn is-sħab u l-ilma skur
xorta sibt fejn għandi mmur
bla ma nogħtor mal-mument
li nintelaq mal-kurrent.
Hemm id-dawl leqqien fil-bogħod…

tama ġdida f'post remot.

**Ħudni fuq il-mewġ ħallini nasal s'hemm**

**fejn m'hemmx fruntieri,**
**stati u bandieri**
**fejn ma ssibx min jgħir jew jobgħod lil ta' ħdejh**
**jgħixu bħal aħwa**
**fratellanza bla kulur, bla favur f'soċjetà**
**fejn is-sliem m'għandux tmiem għall-umanità**

Post fejn ħadd emarġinat *(jew iddiskriminat)*
ebda bniedem abbużat *(minn tal-madwar abbandunat)*
ħafna solidarjetà
u rispett fil-libertà
ħadd mirfus taħt is-saqajn
ħadd mhu inqas mill-oħrajn

**Ħudni fuq il-mewġ ħallini nasal s'hemm**
**fejn m'hemmx fruntieri...**

Mhix tant impossibbli
li ngħixu f'armonija, lkoll fil-paċi
li kieku kull uman ikun kapaċi
li jkun tassew uman

**Ħudni fuq il-mewġ ħallini nasal s'hemm**
**fejn m'hemmx fruntieri...**

fejn is-sliem m'għandux tmiem għall-umanità

## 3. *Astronawta* - Lon Kirkop
(Kantawtur)



Inħossni maqbud f'dil-ħolma
Ngħix ġranet li ġraw snin ilu
din l-art li tant tħobbni daret kontrija

Ħsejjes itambru ġo moħħi
Kliem li jweġġa'
li l-ħajja mhiex tajba għalija

Mitluf fil-baħħ fix-xejn bħal astronawta 'l bogħod mid-dinja
Nixtieq li għandi s-saħħa negħleb din il-gwerra li għandi ġo fija

**Kif se nsib it triq**
**kif se nsib min jien**
**fejn marritli s-saħħa?**
**Jekk il-fjamma ntfiet**
**jekk il-moħħ għajjien**
**imnejn se nġib is-saħħa?**
**Darba kelli l-ferħ favurija**
**Sa ma tfaċċa s-sħab u kaxkar dak li sab**

Inħossni ngħix f'ġisem ħaddieħor
f'did-dinja li mhiex tajba għalija
b'ta' spiss nispiċċa ma' ta' madwari nitkellem u nidħaq bla ma nħoss xejn

Jgħiduli li moħħi mnejjek
u għalxejn minn ġewwa mdejjaq
meta għandi minn kollox u missni nkun kburi b'dak kollu li jiena, b'dak kollu li ksibt

Skużani pa għax naf kemm xtaqtni bħalek, b'dik il-ħlewwa
Aħfirli ma għax qalb dad-daħq ibnek iż-żgħir hu mejjet minn ġewwa

**Kif se nsib it triq**
**kif se nsib min jien...**

Ser nieħu r-riedni f'idejja u nibda niġġieled
ser nibqa nissielet sa ma nifhem x'hemm f'dal-moħħ
Quddiemi mhux faċli
u twila t-triq biex negħleb l-istigma u nfieq
bl-għajnuna nsib dak illi tlift

**Irrid insib it-triq**
**Insib min jien**
**Jerġa' jkolli s-saħħa**
**Jerġa jkolli l-ferħ favurija**
**u negħleb dak is-sħab**
**li kaxkar kulma sab**

Bis-saħħa li għandi ġo fija
ser nieħu l-kontroll ta' ħajti
bħal astronawta fi triqti lejn arti...

4. ***Narakom L-Infern* – Rita Pace**

(Rita Pace, Augusto Cardinali/Rita Pace)

Nistenna u karozza mġiddma ma tgħaddix
bil-ħames euro s-siegħa għal taxi flus
m'għandix
u ġieli mhux biżżejjed kanen hawn kemm trid
jiġi xi ħadd tal-pjaċir jaqta' kull aptit
u qalli: kliem mill-inqas… se jiddispjaċik
u donnu b'ħerqa kien jantiċipa l-kastig
jarani ndur fin-nar bħal xi zalzett griljat
ħsejjes ta' maltempati u tkarwit ta' ragħad
jogħrok idejh: ħaħaħa! issa tkun taf u kif!
u jien weġibtu wara li flejt dat-tagħrif:

**Narakom l-infern**
**jekk fadal post għax naħseb ilu li bbukkjat**
**hawn min qed jgħixu fid-dinja ghax qisu l-indannat**
**narakom l-infern…narakom l-infern!**
**l-unika ħaġa li ddejjaqni, l-verita':**
**li se nitqanna bikom għall-eternita'**
**narakom l-infern**
**fejn ma jaqa' qatt il-gvern**
**u m'hemmx oppożizzjoni**
**għax kulħadd tal-opinjoni**
**li kollox sew minkejja l-għomma**
**tista' tgħid bħall-ġenna nsomma…**

Ma nafx xi jkun dan li kull fejn immur insib
min għal kull xejn fit-tarf id-dinja jrid iġib
il-moderazzjoni f'dal-pajjiż ma teżistix
għax triq tan-nofs il-MEPA f'Malta ma
tgħaddix
kju ma jispiċċa qatt! qisu tat-toast…
mela għall-infern sejjer kulħadd?!!



'Qas Dante m'għadda mill-infern għall-ġenna
dritt
imma biżżejjed naqleb ftit mill-one ghan-net
jien dil-kummiedja xejn divina qeda ngħix
kuljum preċett!
la hekk jew hekk ghal hemm, int tkunx
ippanikjat
għax bħala Malti żgur li tkun ivvantaġġjat
għax għall-infern kull Malti ilu ittrenjat!
Imma jekk taħsibha tkun immotivat
Li tikkonverti fl-immedjat
Għax hawn wisq antipatki illi jekk fl-infern
tmur
Int terġa' issib ma wiċċek elf ġagbin ghajjur

**Narakom l-infern**
**Jekk fadal post …**

## 5. *Tgħid X'Se Nsib* – Anna Azzopardi
*(Etienne Micallef, Dominic Cini)*



Qiegħda għas-sħana
F'ġuf ommi nistkenn
Kultant nitħarrek u niċċaqlaq kemm kemm
Smajt li hemm barra
Għaddej ħafna nkwiet
Hemm il-ġlied, intilef kull sliem

Qed nibża' nitwieled
F'ambjent ta' taqlib
Nixtieq ngħix fil-għożża u l-paċi rrid
Hawnhekk ninsab ħienja
Ma' ommi fl-irdoss
It-taħbit ta' qalbha nħoss

**Tgħid x'se nsib kif nitwieled**
**Kuntenta se nkun?**
**Tgħid inħossni milqugħa**
**Fid-dinja tal-lum?**
**Jien nixtieq ħafna mħabba**
**U dinja aħjar**
**Fejn kulħadd jirrispetta**
**Kulħadd aċċettat**
**Tgħid x'se nsib?**

Bħal żiffa taru
Għaddew disa' xhur
L-ispazju naqas u bilkemm nista' ndur
Smajt li hemm barra
Hemm faqar u ġuħ
Biex imbagħad ħafna ikel taħluh

Min bil-ġilda sewda
Jew għax refuġjat
Tkeċċuh minn pajjiżna u ma taċċettawhx
Għax ftit differenti
Min kollox tgħajruh
Ma tħobbuhx u lesti tkissruh

**Tgħid x'se nsib kif nitwieled...**

Il-bidla lesta li nġib
U f'ħajti nagħmel biss ġid
B'kuraġġ u ħila se nimxi 'l quddiem
U nemmen li isbaħ se jkun il-ġejjien

**Tgħid x'se nsib kif nitwieled?**
**Tgħid se nħossni milqugħa**
**Kuntenta se nkun?**
**Jien nixtieq ħafna mħabba**
**U dinja aħjar**
**Fejn kulħadd jirrispetta**
**Kulħadd aċċettat**
**Tgħid x'se nsib?**
**Min jaf x'ser insib!**

6. *Toninu* – **Mark Cachia** (Kantawtur)



Jisimni Toninu u għandi biss ħdax
Waħdi l-iskola nkun
Ħadd ma jkellmni, għaliex jien ma nafx
Ħbieb miegħi, qatt ma ssibli żgur

Nipprova nitkellem, biss ma ninstemax
U Kliemi ma jikkalkulawx
Jisimni Toninu u għandi biss ħdax
Waħdi l-iskola nkun

Mal-ewwel qanpiena, li ssellem il-jum
Tilmaħni għalija maqtugħ
Fi klassi ssibni fejn sieket inkun
B'għajnejja mgħarrqa fid-dmugħ

Inħossni inviżibbli, bla ħoss u bla skop
Kif lili ħadd ma jrid jħobb?
Jisimni Toninu u għandi biss ħdax
Waħdi l-iskola nkun

**Għaliex jiżolawni, u jimmaltrattawni**
**Jekk ħsara qatt m'għamilt lil ħadd**
**Għaliex iwarrbuni, b'għemilhom kissruni**
**Dil-ħajja żgur ma stennejt qatt**

Mhux faċli ssib, min jistmak ta' ħabib
Jekk għad-dinja int ma teżistix
Kif tridni nkun sew jekk kull min qed hawn ġew
Qed jilgħabha li ma jaranix

Semmgħuli persuna, li tgħix bla għajnuna
Għax f'ħajtek ħadd ma jrid li jkun
Jisimni Toninu u għandi biss ħdax
Waħdi l-iskola nkun

**Għaliex jiżolawni, u jimmaltrattawni…**

Biss qed inħoss bidla u llum issemmejt
Ma' min sejjaħ ismi mxejt
U b'dak li ntqal fuqi, nistqarr li nħsadt
X'ħin il-verità jiena skoprejt.

"Infakkru 'l Toninu li kellu biss ħdax,
B'traġedja fl-iskola tlifnieh
Għoxrin sena għaddew minn meta l-aħħar rajnieh,
nitlobkom titolbu għalih"

"Mil-llum 'il quddiem żgur li ser niftakruh
Fuq mafkar dal-kliem ġie minqux"
'Jisimni Toninu u għandi biss ħdax
Fittixni biex waħdek ma tkunx'

## 7. *Għad Għandha Erba' Snin* – Graziella Mifsud Schembri Vella

(Peppi Azzopardi, Priscilla Psaila)



Jisimha Loujin
Għad għandha erba' snin
Ħarbet ma' ommha
Mill-bombi neżlin

Jisimha Loujin
fid-dgħajsa sittin
F'baħar imqalleb
Ma jafux fejn qegħdin

**F'Malta**
**Fiż-żona ta' salvataġġ**
**Ħallew tifla**
**Ħallew tifla tmut bil-għatx**
***Shame***
***Shame not in my name***
**Istħu b'dan l-għaġir kattiv**
**Istħu jekk għadkom tafu kif**

Jisimha Loujin
Għad għandha erba' snin
'Mamà għandi l-għatx'
Griżmejha nexfin

Jisimha Loujin
Fuq dgħajsa mwerwrin
Ċempilna għall-għajnuna
Għaliex mhux ġejjin?

**F'Malta**
**Fiż-żona ta' salvataġġ…**

**F'Malta**
**Fiż-żona ta' salvataġġ…**

Jisimha Loujin
Għad għandha erba' snin
'Mamà għandi l-għatx
Issa jisqieni l-bambin'

8. *Perla*

**Martina Fenech u Ishmael Grech**

(Emil Calleja Bayliss, Mark Spiteri Lucas)



Missirijietna qalbhom tawha
jixirqilhom żgur kull ġieħ
uħud minnhom f'art imbiegħda
ħadmu bla ebda mistrieħ.
Lil dil-gżira għamlu isem
fejn l-istorja bħal tisbieħ
bina ftaħru mad-dinja kollha
dan il-kliem int qatt tinsieh.

**Dawra durella din il-gżira propja perla**
**ġrajjietha bħaż-żifna tat-tarantella**
**u aħna tagħha llum protagonisti**
**inkunu lejha ottimisti**
**Dawra durella din il-gżira propja perla**
**li l-ġmiel tagħha ssib fl-ifjen arzella**
**u aħna tagħha llum sirna artisti**
**dal-ġens għaliha kemm jirsisti!**

Minkejja li żgħar inħossuna kbar
nistinkaw biex inkunu fost l-aħjar
għax nemmnu jixraqilna kull unur
kemm fil-preżent u anke fil-futur.
Demmna jbaqbaq għal dak li huwa tagħna
speċjalment għall-ħoss sabiħ tal-għana.
Is-suċċess bi tbissima lkoll naraw
il-passat tagħna għandna napprezzaw.

Dawra durella din il-gżira propja
perla
ġrajjietha bħaż-żifna tat-tarantella
u aħna tagħha llum protagonisti
inħarsu lejha ottimisti.

**Dawra durella din il-gżira propja perla**
**ġrajjietha bħaż-żifna tat-tarantella**
**u aħna tagħha llum protagonisti**
**inħarsu lejha ottimisti.**
**Dawra durella din il-gżira propja perla**
**li l-ġmiel tagħha ssib fl-ifjen arzella**
**u aħna tagħha llum sirna artisti**
**dal-ġens għaliha kemm jirsisti!**

Missirijietna ruħhom tertqu
biex jarawna ferħanin,
ħolma kellhom għal pajjiżna
soda daqs kull azzarin.
B'saħħa ssieltu għal din artna
sabiex nibqgħu magħqudin
wirt tfulitna dejjem ngħożżu
għax Maltin tassew kburin.

## 9. *Karbet Ġaħan* – Danica Muscat

(Paul Ellul, Mark Spiteri Lucas)



Isimgħuh ir-ragħad x'ifaqqa',
u jirbombja ġol-irdum,
it-tlanġis tax-xita jbażża',
Ġaħan wasal biex iqum.

L-aħjar naħseb jibqa' rieqed,
wiċċu mberren aħmar nar,
qabel raqad tani x'nifhem,
li għajnejh se jtajru x-xrar.

Ilu jiġma', ilu jaħseb,
ilu jfassal pjanijiet,
imma żamm il-kalma w gidem,
waħda sew ilsienu ħiet.

Issa żżejjed, issa żżejjed,
smajtu jlissen irrabjat,
istħi, istħi poplu ġwejjed,
qatt mirbuħ u rassenjat.

**Din ballata serja ħafna,**
**karbet Ġaħan trid tintemm,**
**ma jiflaħx jarana negħrqu**
**din il-karba tnixxi d-demm.**

Smajtu jibki w jolfoq waħdu,
smajtu jsemmi l-bieb miftuħ,
smajtu jhewden fuq dal-poplu,
deherli qal: nazzjon bla ruħ.

Smajt minn fommu l-istqarrija,
li l-bieb qala' b'mod ġenwin,
biex it-tajjeb tal-imgħoddi,
fina jidħol il-Maltin.

Isimgħuh x'rabja għandu fuqu,
qatt ma rajtu f'dan l-istat,
tliftu ruħkom qiegħed jgħajjat,
qumu, qumu mill-irqad.

Ejjew nibku bikja twila,
ħalli forsi nissaffew,
smajt lil Ġaħan jgħid li nsejna,
lil uliedna, dan mhux sew.

**Din ballata serja ħafna...**

Din il-karba dwar bieb beraħ,
biex ma jkunx inqala' għalxejn,
w aħna f'wiċċu nagħlquhulu,
miegħu lura rroddu d-dejn.

Isimgħuh xi jredden waħdu,
dal-pajjiż mitluf u fgat,
flok inbusu l-art li writna,
qed niċkienu bis-sigħat.

Isimgħuh xi jredden waħdu...

10. ***Ersaq ‘l Hawn* – Kayley Cuschieri**
(Joe Julian Farrugia, Philip Vella)



Ajru kollu lwien għalina t-tnejn
Mindu x-xemx intfiet
Ramel dehbi fin taħt is-saqajn
Bajja tal-ħolmiet
X’ħin il-baħar blu, mistrieħ min-nies
Ibewwes tarf ir-ramla
Anki ż-żiffa tqum ħa tberred l-art
U żżeffen il-palmiet...
Ħlewwet l-għaxijiet sajfin...

**Ersaq ’l hawn, ħossni qrib**
**Niżfnu r-ritmu tat-tqanqil Mediterran**
**Passjoni ma ssib bħalha mkien**
**Waqtiet sbieħ ġo dirgħajk**
**Sa ma l-kwiekeb jiġu jdawlu l-lejl xewqan**
**Xi rridu aktar int u jien?**
**Xejn ma jwaqqaf l-emozzjonijiet dal-lejl.**

Sensazzjoni tfur ġo dawn il-qlub
Bla ma taqta’ xej’
L-isbaħ ħinijiet għall-maħbubin
Ġmiel sa tard bil-lej’
Noti tant ħelwin fi stil Latin
Maġija m’għandhiex tmiemha
Enerġija tidwi tul ix-xatt
Issaħħar il-widnej’
Ħlewwet l-għaxijiet sajfin...

**Ersaq ’l hawn, ħossni qrib**
**Niżfnu r-ritmu tat-tqanqil Mediterran...**

## 11. *Moħħi Mistrieħ* – **Mark Tonna**
(Rita Pace, Andrew Zahra)



Kont naf mal-ewwel daqqa t'għajn
Ma kontx tarbija bħall-oħrajn
Minflok żvantaġġ
Fik sibna il-kuraġġ

Minkejja d-diffikultajiet
Għamilna miegħek l-egħġubijiet
Tant inħobbuk
Ħajjitna lesti li nagħtuk
Adulta sirt
Bla qatt ma kbirt

U nistaqsi biss
Kif? Min se jkun hemm meta nitlaq jien?
Min jista' jħobbok daqsi?
Għinuni dal-ħsieb inneħħih
Ħa nkun moħħi mistrieħ!

U m'ommok għaddejt ħafna snin
Nitħaddtu, ijieli imqajmin
Għaddew bil-mod…
Iż-żmien deher għadu 'l bogħod
Saħħti tajt
U waħdi ngħid…

U nistaqsi spiss
Kif? Min se jkun hemm meta nitlaq jien?
Min qatt se jħobbok daqsi?
Kif se intaffi dan l-uġigħ?
U l-ħsieb ikrah inneħħih?
Li se ssib min tista' tafda fih?

Tgħid nistrieħ fis-sliem
B'għajnejja magħluqin?

Dejjem dak il-ħsieb…min?
Min se jkun hemm meta nitlaq jien?
Min? Ngħidha bla ma rrid!
Kemm nixtieq imqar sa dak iż-żmien
Ngħix moħħi mistrieħ!
Ngħix moħħi mistrieħ

12. *Immorru* – **Francesca Zammit**
(Immanuel Mifsud, Francesca Zammit)



Tersqux lil hawn għax m'għad hawn xejn.
Tiġux 'l hawnhekk għax m'għadx hawn fejn
immorru.

Għalxejn għednielhom tul is-snin:
illum spiċċajna midfunin.
Ħa mmorru!

Infittxu l-blu u ma nsibuhx,
naraw biss griż – ma nifilħuhx.
Ħa mmorru!

**Ħa nagħlaq għajnejja u ntawwal idejja.**
**Ħa mmiss l-ewwel stilla li tiġi tittawwal.**
**Ħa mmur fit-tarf nett biex immidd lil riġlejja**
**u nara dil-firxa quddiemi tiddawwal.**

**Ħa mmur ħa nitbiegħed xħin nagħlaq għajnejja.**
**Ħa mmur fit-tarf nett fejn niltaqa' mar-riħ.**
**Ħa mmiss l-ewwel stilla li tinżel sa ħdejja**
**u dak li hawn hawn jirnexxili ninsieh.**

Dad-dlam li hawn għax ħbew lix-xemx ...
dal-qtugħ ta' nifs għax arja m'hemmx ...
Immorru!

Ikollna nħallu dan il-post
għax sar bla ħajja, sar bla gost.
Ħa mmorru!

M'għadx fadal lok fejn niġġerrew.
M'hemmx sens li nibqgħu nistennew.
Se mmorru!

**Ħa nagħlaq għajnejja u ntawwal idejja...**

**Ħa mmur ħa nitbiegħed xħin nagħlaq għajnejja...**

Ħa mmiss l-ewwel stilla li tinżel sa ħdejja
u dak li hawn hawn ...

13. ***Skuri u Ċari* – Mark Spiteri Lucas u Mark Micallef Costa**
(Kantawturi)



Ħadt grazzja miegħek
mill-ewwel darba li rajtek.
Għamiltni tiegħek,
ma domtx wisq biex drajtek

Iltqajna b'kumbinazzjoni
u dlonk ħadtni ostaġġ
Tqanqal fija elf
emozzjoni,
toħroġ minni l-isbaħ raġġ

**Fik sibna wens, bl-iskuri u ċ-ċari.**
**Dawn jagħmlu sens, u int donnok bħali...**
**Għax bħalhom m'hemmx, l-iskuri u ċ-ċari.**
**Ftit dissonanti jew armonjuż,**
**kultant vibranti jew diżilluż.**
**Hekk sejra d-dinja...**
**Int il-lejl... Int in-nhar**

Ħadt grazzja miegħek
ma ħsibtx darbtejn biex fdajtek.
Għamiltni tiegħek...
int smajtni... jien smajtek.

Int għalija l-ispirazzjoni
li ttaffili l-għatx.
Inti...id-direzzjoni,
dejjem miegħi tul dal-vjaġġ.

**Fik sibna wens, bl-iskuri u ċ-ċari.**
**Dawn jagħmlu sens, u int donnok bħali...**

**Fik sibna wens, bl-iskuri u ċ-ċari.**
**Dawn jagħmlu sens, u int donnok bħali...**

14. ***Inħobbok Wisq* – Cherylis**
(Emil Calleja Bayliss, Peter Borg / Aleandro Spiteri Monseigneur / Matt 'Muxu' Mercieca / Cherylis Camilleri)



Kieku biss kont naf
li leħnek jidwi daqshekk smajt
kont inħarbex dak l-elf parir
li int minn qalbek lili tajt

**Inħobbok wisq ma jistax jesprimi l-kliem,**
**Inħobbok wisq mingħajrek vojta saru l-jiem,**
**Inħobbok wisq ma jistax jesprimi l-kliem,**
**Inħobbok wisq mingħajrek vojta saru l-jiem.**

**Kont għalija d-dinja u l-għixien**
**passat, preżent u l-ġejjien.**
**Għalik...qalbi tolfoq mingħajr mistrieħ**
**tgħix fil-ħolm tal-memorji sbieħ.**

Kieku biss kont naf
li l-aħħar lejl kien biswitek
kont nitlob li l-jum ma jisbaħx
ħa nerġgħu ngħixu tfulitek.

**Inħobbok wisq ma jistax jesprimi l-kliem,**
**Inħobbok wisq mingħajrek vojta saru l-jiem,**
**Inħobbok wisq ma jistax jesprimi l-kliem,**
**Inħobbok wisq mingħajrek vojta saru l-jiem.**

Dejjem u kullimkien kont tkun hemm
sat-tmiem, sal-aħħar, sakemm kollox jintemm
ma xtaqtek qatt twarrab minn ħdejja
ma xtaqtek qatt titlaqli jdejja.

**Inħobbok wisq ma jistax jesprimi l-kliem,**
**Inħobbok wisq mingħajrek vojta saru l-jiem,**
**Inħobbok wisq aktar ma jesprimi l-kliem,**
**Inħobbok wisq mingħajrek vojta saru l-jiem.**

**Kont għalija d-dinja u l-għixien**
**passat, preżent u l-ġejjien.**
**Għalik...qalbi tolfoq mingħajr mistrieħ**
**tgħix fil-ħolm tal-memorji sbieħ.**

## 15. *Valletta Ġrajjieti* - Haley
(Joe Julian Farrugia, Philip Vella)

Ħolquni l-Kavallieri frott l-Assedju
Biex fija ngħożż u nkattar l-umiltà
Fuq l-Għolja Xeberras; belt il-ġentlomi
F'din artna nkun l-ixprun taċ-ċiviltà.

Semmewni għall-GranMastru li wellidni
Fi stil barokk fassluni mdawra swar
Biex nilqa' mill-attakki tal-għedewwa
U nħares bliet u rħula fil-madwar.

**Ġrajjieti miktubin fi ħsus ġeblija**
**Għal għonq it-toroq dritti ħallemija**
**F'binjiet li raw is-saram u t-tgawdija**
**Ta' storja; wġigħ u glorja tul is-snin**
**Ġrajjiet imqallba bit-tixrid tad-dmija**
**Ma' niesi fost id-dmugħ ta' qlub mifnija**
**Ma qtajna qalbna qatt, ġens il-qlubija**
**Biex ħriġna fuq kull ġrajja rebbiħin**

Imdawra bl-ilmijiet u kenn għall-iġfna
Ir-rabta bejn l-imgħoddi u l-ġejjien
Mużew minn tarf għall-ieħor, ma' kull rokna
Magħrufa u apprezzata kullimkien

**Ġrajjiet imqallba bit-tixrid tad-dmija**
**Ma' niesi fost id-dmugħ ta 'qlub mifnija**
**Ma qtajna qalbna qatt, ġens il-qlubija**
**Biex ħriġna fuq kull ġrajja rebbiħin**



Valletta belt fortizza llum miftuħa
Għall-arti u l-kultura
Ġojjell fl-arkitettura
Kapitali ta statura

**Ġrajjieti miktubin fi ħsus ġeblija**
**Għal għonq it-toroq dritti ħallemija**
**F'binjiet li raw is-saram u t-tgawdija**
**Ta' storja; wġigħ u glorja tul is-snin**
**Ġrajjiet imqallba bit-tixrid tad-dmija**
**Ma' niesi fost id-dmugħ ta' qlub mifnija**
**Ma qtajna qalbna qatt, ġens il-qlubija**
**Biex ħriġna fuq kull ġrajja rebbiħin**

16.***Aħfirli* – Daryl Jaymes**
(Kantawtur)



Minn bejn ħitan ta’ kamra u oħra
Smajtkom tgħidu kemm jiena piż
Min ser jiġborni mill-iskola
Naħseb ta’ ħadd ma jien l-għażiż

Ta’ sikwit smajtkom titlewmu
Sport, skola, privat, x’inhu l-pjan
B’hekk ħarbatt, il-ħajja tagħkom
Niskuża ruħi jien ta’ dan

Aħifrli Ma, aħfirli jekk żgħożitek jiena sraqt
Aħfirli Pa, aħfirli jekk bejnietkom jiena dħalt

**Aħfirli Ma, Aħfirli Pa**
**Jekk dan kollu hu t-tort tiegħi**
**Kemm nixtieq, din hi t-talba**
**Kemm nixtieq ngħannaqkom miegħi**

**Aħfirli Ma, Aħfirli Pa**
**Jekk dan kollu hu t-tort tiegħi**
**Kemm nixtieq, din hi t-talba**
**Kemm nixtieq inħaddankom miegħi għal-dejjem**

Għand in-nanna kelli kamra
Fejn waħdi qattajt ħafna ħin
Biex intom stajtu tgawdu
Waqt li nħares lejn l-iskrin

Kemm nixtieq niskuża ruħi
Għax niswikom ħafna flus
Dan żgur mhuwiex l-għan tiegħi
Kull ma nixtieq lilkom inbus

Aħifrli Ma, aħfirli jien, dan nitolbok
Aħfirli Pa, aħfirli għax, jien inħobbok

**Aħfirli Ma, Aħfirli Pa**
**Jekk dan kollu hu t-tort tiegħi**
**Kemm nixtieq, din hi t-talba**
**Kemm nixtieq ngħannaqkom miegħi**

Kemm nixtieq, din hi t-talba
Kemm nixtieq, inħaddankom miegħi
Għal dejjem

**Aħfirli Ma, Aħfirli Pa**
**Aħfirli**